**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 625/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**
**vs**
**Adian Psaila**

**Illum 23ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Adian Psaila ta' 22 sena iben Jason u Joanne nee Butler, imwieled il-Pieta' fis-19/10/1996 u joqghod gewwa 26, Woodcock, Triq Mons. F.X. Mangion, Siggiewi u detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 043496M.

Akkuzat talli nhar nhar it-28 ta' Jannar 2019 ghall-habta tan-nofs-siegha ta' filghodu (0030hrs) gewwa l-istabiliment Hugo's Shadow Lounge fi Triq San Gorg, San Giljan.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Neil Galea f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu liema griehi huma ta' natura gravi.
2. Irrenda ruhhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata l-14 ta' Novembru 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, rapport tal-pulizija, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-30 ta' Jannar 2019, certifikat mediku, dok JX1, sentenza fil-konfront tal-imputat dok POL1, dok MD1, dok MS1, dok MDF1,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil: Spettur Joseph Xerri, PS 780 Ian Camilleri, Neil Galea, PS430 Andrew St. John, Spettur Leeroy Balzan Engerer, WPC 59 Abigail Couldrey, PC 822 Brian Agius, PC 61 Larkin Lia, Dr Ramon Scerri, Joseph Bajada, Matthew Aquilina, ex PC 1391 Matthew Camilleri, Dr Mario Scerri, Maria Dolores Fenech, PC 1479 Pierluigi Pace.

Ikkunsidrat

**L-Ispettur Joseph Xerri** qal li fid-20 ta' Jannar 2019, il-Pulizija kienu gew infurmati minn certu Neil Galea li kien gie aggrediet meta kien gewwa l-istabiliment Hugo's Shadoww Lounge. Semma li kien hemm persuna li kienet aggressive u wadbet flixkun fid-direzzjoni tieghu u gie fuq rashu. Aidan Psaila kien twaqqaf mill-Pulizija in konnesjoni ma' dan il-kaz. L-imputat kien gie arrestat u mitkellem fuq dan il-kaz. In kontro-ezami qal li huwa kien kellem lil vittma u wara li kien urieh diversi ritratti kien ikkonferma li kien l-imputat li waddab il-flixkun lejh. Kompla jghid li ma kienx hemm filmati fuq dan il-kaz.

**PS 780 Ian Camilleri** kien gie infurmat li kien dahal rapport fwar persuna li sofriet griehi fuq rasha, fuq il-persuna ta' Neil Galea meta dan tal-ahhar kien gewwa Hugo's Shadow Lounge. Irrizulta mill-informazzjoni miksuba li kien crtu Aidan Psaila u ghalhekk gie arrestat in konnessjoni ma' dan il-kaz fejn gie mitkellem mill-ispettur Joseph Xerri. Huwa ikkonferma li d-dettalji tal-persuni gew mghoddija lilhu minn PS 430.

**Neil Galea**, jispjega li f'Jannar 2019, kien dahal gewwa t-toilet beda jargumenta ma' certu Aidan Psaila. Kompla jghid li l-imputat u l-persuna li kellu xi jghid mieghu ma kienux l-

istess. Huwa ma kienx gharaf lill-imputat li kienet l-istess persuna li waddab il-flixkun. Gie konfermat li kellu ferita fuq il-hugbejn ta' ghajnejh li kienet vizibli. Illi huwa kien semma lil dan Aidan ghax kienu qalulu u meta rega gie mistoqsi dwar jekk kienx qieghed jaghraf lil xi hadd fl-awla, kompla li jghid li ma kien qieghed jaghraf lil hadd.

**PC 430 Andrew St. John** qal li kien gie avvicinat minn membri tal-RIU gahx kellhom persuna arrestata maghhom u semma li kien certu Neil Galea. Illi dan Neil Galea kien ta daqqa ta' flixkun lil vittma minhabba argument li kien inqala. Huwa kkonferma li l-persuna li ngiebet hdejh kien l-istess imputat li huwa semma li kien jismu Neil fejn ftit wara ikkorega li l-imputat kien jismu Aidan Psaila u mhux Neil Galea. Huwa kkonferma li l-vittma ma xtaqx jiehu passi.

**Spettur Leeroy Balzan** ikkonferma li kien prezenti waqt it-tehid tal-istess stqarrija ta' Aidan Psaila.

**WPC 59 Abigail Couldrey** ikkonfermat id-dokument tar-rifjut tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-interogatorju.

**PC 822 Brian Agius** ikkonferma li kien huwa stess ha li jinsab a fol 4 tal-process rigward l-allegat incident li kien inqala fejn Neil Galea spicca mweggha wara li huwa kien hiereg mit-toilet u kellu argument ma' persuna li ma kienx jaf min hu. Ftit wara din il-persuna wadbet flixkun tax-xampanja u Neil Galea spicca garrab griehi fuq mohhu.

**PC Larkin Lia** qal li huwa kien prezenti gewwa Club Paceville u f'xi hin inqalghet kommossjoni u ra nies jigru f'kull direzzjoni. Huwa dahal fit-toilet u ra persuna bid-demm ma' wiccu. Huwa ma kienx ghamel xi arresti dakinhar izda kien biss ghen il-vittma.

**Dr Mario Scerri** esebixxa rapport li gie immarkat bhala dok MS1 fejn qal li Neil Galea kellu ferita fuq mohhu rizultat ta' oggett u din il-lezjoni baqghet tidher anki sena u nofs wara li gara l-kaz.

**Ex PC 1391 Matthew Camilleri** qal li huwa kien spicca mix-xoghol u flimkien ma' shabu marru jixorbu gewwa bar f'Paceville. Kien hemm kommossjoni u gara li kien hemm persuna ferita fuq mohhu. Hu flimkien ma' shabu hadu din il-persuna fejn kien hemm is-surgent St. John. Il-kaz kien sehh fis-27 ta' Jannar 2019 bejn il-hdax ta' bil-lej u s-siegha ta' filghodu. Illi meta kienu mal-vittma, indikalhom li kienet il-persuna li qeghda tiekol gewwa stabiliment iehor li kien qala d-daqqa minghandu. Huwa ma kienx gharafx il-persuna li kien gie indikat lilhu jekk kienx fl-awla.

**Maria Dolores Fenech** fejn hija ikkonfermat li kienet thalset il-multa li kien wehel l-imputat dwar piena mghotija mill-Magistrat Francesco Depasquale.

**Dr Ramon Scerri** ikkonferma c-certifikat mediku li jinsab a fol 12 tal-process fejn kien ikklasifika l-ferita bhala wahda gravi.

**Matthew Aquilina** qal li huwa kien flimkien ma' shabu u cioe' Aidan u Joseph gewwa l-club shadows u x'hin hargu u mexjin ghal karozza gew il-Pulizija u arrestaw lil Aidan. Dan gara ghal habta ta' Jannar.

**Joseph Bajada** ikkonferma li kien flimkien ma' shabu Aidan u Matthew u kienu marru gewwa l-club bl-isem Shadows u wara li kienu barra gew il-Pulizija u arrestaw lil Aidan pero ma kienx jaf fuq x'hiex.

**L-ispettur Joseph Xerri** ikkonferma d-dokument a fol 36 tal-process u cioe dok JX1 li huwa kien ghadda lil Neil Galea sabiex jaghraf l-aggressur tieghu kif is-sentenza li huwa esebixxa fil-konfront tal-imputat.

**PC 1479 Pierluigi Pace** qal li kien flimkien ma' hbieb tieghu u waqt li kienu gewwa s-Club Hugos Lounge fejn intervjena bhala Pulizja minhabba li kien inqala kommossjoni. Meta mar fejn kien hemm xi nies innota li kien hemm persuna li kellha ferita fuq mohha. Waqt li kienu mexjien flimkien ma' shabu u cioe' PC 61 Larkin Lia u l-kollega ex PC 391 Matthew Camilleri. Jiftakat li kien sema xi isem Aidan izda ma kienx gharaf lil hadd.

Semghet it-trattazzjoni tad-Difiza.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikolu 214, 215 u 218 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fil-verbal tal-31 ta' Mejju 2022 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandhux oġġezzjoni li l-każ tieghu jinstema' bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz kienu li Neil Galea kien qieghed gewwa stabiliment f'Paceville u waqt li huwa kien hiereg mit-toielt kellu argument ma' persuna. F'hin minnhom din il-persuna spiccat tat daqqa ta' flixkun u laqtet lil *parte civile* fuq mohhu u kellu ferita li giet kklasifikata bhala gravi. Illi mill-indagini gie arrestat l-imputat waqt li kien qieghed ma' shabu jiekol u gie interogat in konnessjoni ma' dan il-kaz. Illi huwa dejjem stqarr li qatt ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz in kwsitjoni. Illi pero gara li fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-*parte civile* qalet li ma kenitx qeghda taghraf lill-imputat li kienet l-istess persuna li spicca aggrediet minnha. Illi minn naha tal-Pulizija esebew sett ta' ritratti li kienu gew murija lil *parte civile* fil-kors tal-investigazzjoni izda dan il-fatt ma giex konfermat mill-istess *parte civile* fejn seta qal li kienet il-persuna tal-imputat li huwa kien ghazel bhala l-aggressur izda dan il-fatt gie mistqarr biss mill-istess spettur prosekutur waqt li huwa xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi ohrajn sabiex tkun tista' tasal ghal konklużjoni. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija vs Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija vs James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu*

*stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi dan il-kaz huwa mibni kollhu kemm hu fuq dak li suppost il-*parte ċivile* kien gharaf lill-imputat. Illi f'dan il-kaz ma kien hemm ebda prova cirkostanzjali bhal CCTV jew xi fatti ohrajn. Illi l-prosekuzzjon strahet biss fuq dak li qallhom l-istess *part civile.* Illi però hareg bic-car li meta l-istess *parte civile* xehed f'dawn il-proceduri ma gharafx lill-imputat bhala l-persuni li kienet aggredietu dakinhar li kien ġewwa l-istabiliment f'Paceville. Illi ghalkemm skont l-istess prosekuzzjoni, *l-parte civile* kein gharaf persuna minn sett ta' ritratti dan il-fatt ma ġiex konfermat minnhu stess. Dan il-fatt kien biss ferm wara li l-*parte civile* kien xehed li l-prosekuzzjoni esebiet dawn is-sett ta' ritratti u lanqas ma rega ġabu l-istess Neil Galea sabiex jikkonferma dan il-fatt. Illi din il-Qorti m'ghandhiex wisq ghazla fid-decizzjoni dwar sejbien ta' htija stante li ma nġiebet ebda prova li jindika li kien l-imputat li wettaq din l-aggressjoni u ghalhekk ma tistax issib htija fuq nuqqas ta' provi.

Illi rigward r-recidiva ladarba l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-ewwel akkuża, qeghda wkoll tilliberah minn din l-akkuza.

Decide:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aidan Galea u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 215 u 218 (1)(b), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx hati lill-imputat minn kull akkuza u ghalhekk tilliberah.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**